MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2004

Numru 249/2002

**Il- Pulizija**

(Spettur Paul Vassallo)

**vs**

Ryan Dimech

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Ryan Dimech ta' 25 sena, iben Carmel u Maria Carmela nee Medati, mwieled Pieta' fl- 24 ta' April 1979 u li jirrisjedi fil-fond "White Pearl", Triq Santa Katerina, Attard, detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 215579 (M).

Talli fit- 30 ta’ Marzu 2001, ikkometta serq ta’ pompa ta’ l- arja minn go karozza tat- tip Fiat Punto, bin- numru KEL – 111, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- lok u bix- xorta tal- haga misruqa.

U talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli billi ghalmel hsara fil- bibien tal- karozza Fiat Punto, bin- numru KEL – 111, ghad- dannu ta’ Ronald Kelly, liema hsara tiskorri l- Lm 50 izda mhux il- LM 500.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi u tenna wara li l- Qorti fissritlu x’ inhi ammisjoni u x’ tista’ ggib.

Stante ammisjoni issibu hati.

Rat l- art 261, 263, 269, 271 u 325 (b) tal- Kap 9. Stante li l- akkuzat ghamel tajjeb ghal hsara u ammetta fi stat bikri tikkundanah mitejn lira Maltija (Lm 200) multa illi ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mill- lum, il- hati jekk irid jista’ jhallas b’ rati kull xahar basta sa sitt xhur ikun hallas kollox. Il- Qorti tordna li din is- sentenza u l- atti jintbghatu lill Avukat Generali skond l- art 401 (3) tal- Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------